MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 851/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spridione Zammit)**
**vs**

**JONATHAN MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jonathan Mifsud ta’ 26 sena bin Eugenio u Mariella nee’ Grech imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Awissu 1982 u joqghod 42 Margerita Triq San Vincenz De Paule Hal-Luqa detentur tal-karta tal-identita’ numru 472382M gie akkuzat talli, fid-9 ta’ Lulju 2009 ghal habta ta’ 1.30 am u hinijiet qabel waqt li kien fi Triq San Tumas Luqa:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura IBH 856 ta’ ghamla Fiat Palio ghad-

dannu ta' Andrea Schembri miz-Zurrieq ghal ammont ta' 5,895.49 Euros liema hsara hi izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euros u disgha u sittin centezmu (1164.69 Euros) (LM500).
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, jum, u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg ibsin (spanner) lil Andrea Schembri miz-Zurrieq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Andrea Schembri miz-Zurrieq u tapplika l-provediment ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat Jonathan Mifsud m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(a) u 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u

li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jonathan Mifsud ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija u seba' u erbghin Euro (47 Euro) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Jonathan Mifsud jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jonathan Mifsud b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma' Andrea Schembri ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jonathan Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------